



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13939/18

LIMITE

CORLX 543
CFSP/PESC 1009
CSDP/PSDC 622
FIN 863

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK)
2018/340 li tistabbilixxi l-lista tal-proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-
PESCO

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/...

ta' ...

**li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340
li tistabbilixxi l-lista tal-proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti¹,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57.

Billi:

- (1) Fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315.
- (2) Il-punt (e) tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 jipprevedi li l-Kunsill għandu jistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO), li jirriflettu kemm l-appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet kif ukoll il-forniment ta' appoġġ sostanzjali skont il-mezzi u l-kapaċitajiet għal operazzjonijiet u missjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK).
- (3) Fis-6 ta' Marzu 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO¹.
- (4) Fis-6 ta' Marzu 2018, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni rigward pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-PESCO² (ir-"Rakkomandazzjoni").

¹ ĠU L 65, 8.3.2018, p. 24.

² ĠU C 88, 8.3.2018, p. 1.

- (5) Il-paragrafu 9 tar-Rakkomandazzjoni speċifika li l-Kunsill jenħtieġ li jaġġorna l-lista tal-proġetti tal-PESCO sa Novembru 2018 biex tinkludi s-sett li jmiss tal-proġetti, f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315, li tipprevedi b'mod partikolari li r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") jista' jagħmel rakkomandazzjoni rigward l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-proġetti tal-PESCO, abbażi tal-valutazzjonijiet ipprovduti mis-segretarjat tal-PESCO, biex il-Kunsill jieħu deċiżjoni, b'segwitu ta' parir militari mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMC).
- (6) Fil-25 ta' Ġunju, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/909 li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti tal-PESCO¹.
- (7) Fil-11 ta' Ottubru 2018, ir-Rappreżentant Għoli għamel rakkomandazzjoni lill-Kunsill rigward l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' proposti ta' proġetti fil-qafas tal-PESCO.
- (8) Fit-13 ta' Novembru 2018, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel dwar ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fil-parir militari tal-EUMC dwar ir-rakkomandazzjoni tar-Rappreżentant Għoli rigward l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' proposti ta' proġetti fil-qafas tal-PESCO.
- (9) Għalhekk jenħtieġ li l-Kunsill jemenda u jaġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 161, 26.6.2018, p. 37.

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-proġetti li ġejjin jinżiedu mal-lista:

- "18. Taħriġ bil-Ħelikopters f'Temperaturi u Altitudni Għoljin (Taħriġ H3)
- 19. Skola tal-Intelligence Konġunta tal-UE
- 20. Ċentri ta' Ttestjar u Evalwazzjoni tal-UE
- 21. Sistema Awtonoma tal-Art Integrata (UGS)
- 22. Sistemi ta' Missili Tattiċi tal-Art Lil Hinn mil-Linja ta' Viżjoni (BLOS) tal-UE
- 23. Pakkett ta' Kapaċità ta' Intervent Taħt l-Ilma Modulari Skjerabbli (DIVEPACK)
- 24. Sistema Ewropea ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod b'Reżistenza Twila f'Altitudni Medja - MALE RPAS Ewropea (Eurodrone)
- 25. Ħelikopters ta' Attakk Ewropej TIGER Mark III
- 26. Difiża kontra Sistema tal-Ajru mingħajr Bdot Abbord (C-UAS)

27. Pjattaforma Ewropea ta' Airships ta' Atmosfera Għolja (EHAAP) – Kapaċità Persistenti dwar l-Intelligence, is-Sorveljanza u r-Rikonjizzjoni (ISR)
28. Post Uniku ta' Kmand (CP) Skjerabbli għall-Kmand u l-Kontroll Tattiċi (C2) ta' Forzi ta' Operazzjonijiet Speċjali (SOF) għal Operazzjonijiet Konġunti Żgħar (SJO) – (SOCC) għal SJO
29. Kapaċità ta' Gwerra Elettronika u Programm ta' Interoperabbiltà għal Kooperazzjoni Futura dwar l-Intelligence, is-Sorveljanza u r-Rikonjizzjoni (JISR)
30. Sorveljanza Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari (CBRN) bħala Servizz (CBRN SaaS)
31. Kondiviżjoni tal-Bażijiet
32. Element ta' Koordinazzjoni tal-Appoġġ Ġeo-meteoroloġiku u Oċeanografiku (GeoMETOC) (GMSCE)
33. Soluzzjoni ta' Radjunavigazzjoni tal-UE (EURAS)
34. Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni tas-Sorveljanza Spazjali Militari Ewropew (EU-SSA-N)".

(2) L-Artikolu 2 huwa sostitwit bis-segwenti:

"Artikolu 2

Il-lista tal-membri tal-proġett ta' kull proġett individwali għandha tkun kif inniżżel fl-Anness I."

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 2a

Għal finijiet ta' informazzjoni, il-lista aġġornata kkonsolidata tal-membri tal-proġett ta' kull proġett individwali tidher fl-Anness II."

(4) l-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) huwa renumerat bħala "Anness I";

(b) l-entrati stipulati fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni jinżdiedu mat-tabella.

(5) it-test li jidher fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni jinżdied bħala Anness II.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX I

"

Proġett		Membri tal-Proġett
18.	Taħriġ bil-Ħelikopters f'Temperaturi u Altitudni Għoljin (Taħriġ H3)	Il-Greċja, l-Italja, ir-Rumanija
19.	Skola tal-Intelligence Konġunta tal-UE	Il-Greċja, Ċipru
20.	Ċentri ta' Testjar u Evalwazzjoni tal-UE	Franza, l-Iżvezja, Spanja, is-Slovakkja
21.	Sistema Awtonoma tal-Art Integrata (UGS)	L-Estonja, il-Belġju, iċ-Ċekja, Spanja, Franza, il-Latvja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Finlandja
22.	Sistemi ta' Missili Tattiċi tal-Art Lil Hinn mil-Linja ta' Viżjoni (BLOS) tal-UE	Franza, il-Belġju, Ċipru
23.	Pakkett ta' Kapaċità ta' Intervent Taħt l-Ilma Modulari Skjerabbli (DIVEPACK)	Il-Bulgarija, il-Greċja, Franza
24.	Sistema Ewropea ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod b'Reżistenza Twila f'Altitudni Medja - MALE RPAS Ewropea (Eurodrone)	Il-Ġermanja, iċ-Ċekja, Spanja, Franza, l-Italja
25.	Ħelikopters ta' Attakk Ewropej TIGER Mark III	Il-Ġermanja, Spanja, Franza
26.	Difiża kontra Sistema tal-Ajru mingħajr Bdot Abbord (C-UAS)	L-Italja, iċ-Ċekja
27.	Pjattaforma Ewropea ta' Airships ta' Atmosfera Għolja (EHAAP) – Kapaċità Persistenti dwar l-Intelligence, is-Sorveljanza u r-Rikonjizzjoni (ISR)	L-Italja, Franza
28.	Post Uniku ta' Kmand (CP) Skjerabbli għall-Kmand u l-Kontroll Tattiċi (C2) ta' Forzi ta' Operazzjonijiet Speċjali (SOF) għal Operazzjonijiet Konġunti Żgħar (SJO) – (SOCC) għal SJO	Il-Greċja, Ċipru

Proġett		Membri tal-Proġett
29.	Kapaċità ta' Gwerra Elettronika u Programm ta' Interoperabbiltà għal Kooperazzjoni Futura dwar l-Intelligence, is-Sorveljanza u r-Rikonjizzjoni (JISR)	Iċ-Ċekja, il-Ġermanja
30.	Sorveljanza Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari (CBRN) bħala Servizz (CBRN SaaS)	L-Awstrija, Franza, il-Kroazja, l-Ungerija, is-Slovenja
31.	Kondiviżjoni tal-Bażijiet	Franza, il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, Spanja, in-Netherlands
32.	Element ta' Koordinazzjoni tal-Appoġġ Ġeo-meteoroloġiku u Oċeanografiku (GeoMETOC) (GMSCE)	Il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, ir-Rumanija
33.	Soluzzjoni ta' Radjunavigazzjoni tal-UE (EURAS)	Franza, il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja
34.	Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni tas-Sorveljanza Spazjali Militari Ewropew (EU-SSA-N)	L-Italja, Franza

"

ANNEX II

"ANNEX II

LISTA AĠĠORNATA KONSOLIDATA TAL-MEMBRI TAL-PROĠETTI GĦAL KULL PROĠETT INDIVIDWALI

Proġett	Membri tal-Proġett
1. Kmand Mediku Ewropew	Il-Ġermanja, iċ-Ċekja, Spanja, Franza, l-Italja, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovakkja, l-Iżvezja
2. Radju definit b'Software Sigur Ewropew (ESSOR)	Franza, il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, il-Finlandja
3. Netwerk ta' Ċentri Loġistiċi fl-Ewropa u appoġġ għall-Operazzjonijiet	Il-Ġermanja, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja
4. Mobbiltà Militari	In-Netherlands, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja
5. Ċentru ta' Kompetenza għall-Missjoni ta' Taħriġ tal-Unjoni Ewropea (EU TMCC)	Il-Ġermanja, il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Irlanda, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, l-Awstrija, ir-Rumanija, l-Iżvezja
6. Ċentru Ewropew ta' Ċertifikazzjoni tat-Taħriġ għall-Armati Ewropej	L-Italja, il-Greċja
7. Funzjoni Operazzjonali tal-Enerġija (EOF)	Franza, il-Belġju, Spanja, l-Italja

Proġett		Membri tal-Proġett
8.	Pakkett dwar il-Kapaċità Militari li tista' tiġi Skjerata għal Għajnuna f'Każ ta' Diġastru	L-Italja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Awstrija
9.	Sistemi Marittimi (semi) Awtonomi għal Kontromiżuri kontra l-Mini (MAS MCM)	Il-Belġju, il-Greċja, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija
10.	Sorveljanza u Protezzjoni tal-Port u Marittima (HARMSPRO)	L-Italja, il-Greċja, il-Polonja, il-Portugall
11.	Titjib tas-Sorveljanza Marittima	Il-Greċja, il-Bulgarija, l-Irlanda, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru
12.	Pjattaforma għall-Kondiviżjoni tal-Infurmazzjoni dwar it-Theddid Ċibernetiku u r-Rispons għall-Inċidenti	Il-Greċja, Spanja, l-Italja, Ċipru, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Portugall
13.	Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku u Assistenza Reċiproka fiċ-Ċibersigurtà	Il-Litwanja, l-Estonja, Spanja, Franza, il-Kroazja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Finlandja
14.	Sistema Strateġika ta' Kmand u Kontroll (C2) għall-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK	Spanja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Portugall
15.	Vettura Armata għall-Ġlied tal-Infanterija / Vettura Amfibja tal-Attakk/Vettura Ħafifa Armata	L-Italja, il-Greċja, is-Slovakkja
16.	Appoġġ Indirett tal-Artillerija (EuroArtillery)	Is-Slovakkja, l-Italja
17.	Grupp Ristrett li Jħaddem ir-Rispons għall-Kriżijiet tal-EUFOR (EUFOR CROC)	Il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru
18.	Taħriġ bil-Ħelikopters f'Temperaturi u Altitudni Għoljin (Taħriġ H3)	Il-Greċja, l-Italja, ir-Rumanija
19.	Skola tal-Intelligence Konġunta tal-UE	Il-Greċja, Ċipru
20.	Ċentri ta' Testjar u Evalwazzjoni tal-UE	Franza, l-Iżvezja, Spanja, is-Slovakkja

Proġett		Membri tal-Proġett
21.	Sistema Awtonoma tal-Art Integrata (UGS)	L-Estonja, il-Belġju, iċ-Ċekja, Spanja, Franza, il-Latvja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Finlandja
22.	Sistemi ta' Missili Tattiċi tal-Art Lil Hinn mil-Linja ta' Viżjoni (BLOS) tal-UE	Franza, il-Belġju, Ċipru
23.	Pakkett ta' Kapaċità ta' Intervent Taħt l-Ilma Modulari Skjerabbli (DIVEPACK)	Il-Bulgarija, il-Greċja, Franza
24.	Sistema Ewropea ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod b'Reżistenza Twila f'Altitudni Medja - MALE RPAS Ewropea (Eurodrone)	Il-Ġermanja, iċ-Ċekja, Spanja, Franza, l-Italja
25.	Ħelikopters ta' Attakk Ewropej TIGER Mark III	Il-Ġermanja, Spanja, Franza
26.	Difiża kontra Sistema tal-Ajru mingħajr Bdot Abbord (C-UAS)	L-Italja, iċ-Ċekja
27.	Pjattaforma Ewropea ta' Airships ta' Atmosfera Għolja (EHAAP) – Kapaċità Persistenti dwar l-Intelligence, is-Sorveljanza u r-Rikonjizzjoni (ISR)	L-Italja, Franza
28.	Post Uniku ta' Kmand (CP) Skjerabbli għall-Kmand u l-Kontroll Tattiċi (C2) ta' Forzi ta' Operazzjonijiet Speċjali (SOF) għal Operazzjonijiet Konġunti Żgħar (SJO) – (SOCC) għal SJO	Il-Greċja, Ċipru

Proġett		Membri tal-Proġett
29.	Kapaċità ta' Gwerra Elettronika u Programm ta' Interoperabbiltà għal Kooperazzjoni Futura dwar l-Intelligence, is-Sorveljanza u r-Rikonjizzjoni (JISR)	Iċ-Ċekja, il-Ġermanja
30.	Sorveljanza Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari (CBRN) bħala Servizz (CBRN SaaS)	L-Awstrija, Franza, il-Kroazja, l-Ungerija, is-Slovenja
31.	Kondiviżjoni tal-Bażijiet	Franza, il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, Spanja, in-Netherlands
32.	Element ta' Koordinazzjoni tal-Appoġġ Ġeo-meteoroloġiku u Oċeanografiku (GeoMETOC) (GMSCE)	Il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, ir-Rumanija
33	.Soluzzjoni ta' Radjunavigazzjoni tal-UE (EURAS)	Franza, il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja
34.	Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni tas-Sorveljanza Spazjali Militari Ewropew (EU-SSA-N)	L-Italja, Franza
